

Stqarrija għall-istampa tal-FRA  
Vjenna/Bratislava, 10 ta' Novembru 2016

## Il-fiduċja hija vitali għal ġustizzja kriminali transkonfinali effettiva

**Ir-regoli tal-UE, li huma essenzjali għall-bini tal-fiduċja fil-qasam tal-ġustizzja tal-UE, rarament jiġu invokati, u dan potenzjalment iżekkel it-trattament ġust tal-persuni involuti fi proċedimenti kriminali. Żewġ rapporti ġodda mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) joffru gwida dettaljata għall-UE u għall-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-effikaċċja tas-sistema tal-ġustizzja kriminali.**

"Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni involuti fi proċedimenti kriminali hija karatteristika ta' sistemi tal-ġustizzja ġusta," jgħid id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). "Fir-rigward tal-ġustizzja bejn fruntiera u oħra, hemm bżonn li nagħtu spinta lill-fiduċja bejn il-ġudikaturi nazzjonali. Dan huwa l-uniku mod kif nistgħu niżguraw li n-nies jiġu ttrattati b'mod ġust."

Ir-rapporti jeżaminaw il-liġijiet tal-UE u kif l-użu tagħhom f'kuntesti nazzjonali varji jaffettwa individwi matul proċedimenti kriminali u sanzjonar, qabel u wara proċess. Dawn juru wkoll kif il-ħarsien tad-drittijiet jista' jtejjeb il-fiduċja bejn l-Istati Membri f'każijiet transkonfinali u kif dawn il-liġijiet jistgħu jtejju b'mod sinifikanti t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali fl-UE.

[Id-drittijiet ta' persuni ssuspettati u akkużati fl-UE kollha: traduzzjoni, interpretazzjoni u informazzjoni](#) jeżamina d-dritt għall-informazzjoni u t-traduzzjoni u d-dritt għall-interpretazzjoni ta' persuni ssuspettati u l-akkużati. Dawn id-drittijiet jiżguraw parteċipazzjoni effettiva fi proċedimenti kriminali u ġustizzja ġenerali matul il-proċess, irrisspettivament minn fejn isiru l-proċedimenti fl-UE.

[Detenzjoni kriminali u alternattivi fl-UE: aspetti tad-drittijiet fundamentali fi proċeduri ta' trasferimenti transkonfinali qabel u wara proċess](#) jeżamina kwistjonijiet ta' detenzjoni kriminali u alternattivi fi trasferimenti transkonfinali. Rikonoxximent reċiproku bħal dan bejn l-Istati Membri jiddependi mill-fiduċja, li mill-banda l-oħra tiddependi ħafna mid-drittijiet fundamentali. Pereżempju, id-detenzjoni jenħtieġ li tintuża bħala l-aħħar soluzzjoni u l-alternattivi jintużaw aktar, f'konformità mal-istandardi tad-drittijiet tal-bniedem. Barra milli jgħinu l-proċess ta' integrazzjoni mill-ġdid, l-alternattivi għad-detenzjoni huma normalment irħas.

Iż-żewġ rapporti jinnutaw li l-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabbiltà jew tfal, skont l-istandardi Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jinkludi informazzjoni aċċessibbli dwar id-drittijiet individuali, u l-iżgurar li l-persuni jiġu ttrasferiti lejn postijiet b'kundizzjonijiet ta' detenzjoni xierqa.

**Għal aktar informazzjoni jekk jogħġibok ikkuntattja lil:** [media@fra.europa.eu](mailto:media@fra.europa.eu)  
Tel: (+43) 1 580 30 642

### Noti lill-edituri:

- L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tipprovd parir ibbażat fuq l-evidenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell tal-UE u dak nazzjonali, b'hekk tikkontribwixxi għal dibattit u politiki dwar id-drittijiet fundamentali li huma aktar infurmati u mmirati aħjar.

- Aktar dwar ix-xogħol tal-Aġenzija dwar [ċċess għall-ġustizzja huwa disponibbli online](#).
- Ir-rapporti qed jitniedu matul [avveniment tal-FRA-Presidenza Slovaka tal-UE](#) dwar il-ġustizzja transkonfinali għal kulħadd fi Bratislava mid-9 sal-10 ta' Novembru.